**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 18 ta' Ġunju, 2024**

**Talba Nru: 312/2023MD**

**Quintano Foods Limited (C 33660)**

**Vs**

**Le Grenier A Pain Ltd Malta (C 84790)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fl-4 ta' Settembru, 2023[1] permezz ta' liema s-soċjeta' attriċi talbet li s-soċjeta' konvenuta tiġi kkundannata sabiex tħallas is-somma ta' sitt mija, ħamsa u disgħin ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżimu (€695.44) rappreżentanti bilanċ mhux imħallas minn ammont dovut bħala prezz ta' merċa mibjugħa mis-soċjeta' rikorrenti lis-soċjeta' konvenuta; bl-ispejjeż, u bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-preżentata tal-preżenti talba sal-pagament effettiv.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm is-soċjeta' konvenuta ġiet debitament notifikata bl-Avviż, ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-Liġi u lanqas ma dehret għas-seduti tas-16 ta' Mejju, 2024[2], u tad-29 ta' Mejju, 2024[3].

[1] *A fol* 1 *et seq* tal-proċess.
[2] *A fol* 22 tal-proċess.
[3] *A fol* 24 tal-proċess.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mir-rappreżentant legali tas-soċjeta' attriċi fis-seduta tas-16 ta' Mejju, 2024[4] u fil-fatt is-soċjeta' konvenuta ma dehritx sabiex tirrispondi għalih għas-seduta tad-29 ta' Mejju, 2024.[5]

Sema x-xhieda ta' George Cassar White fil-kariga tiegħu ta' Credit Control Manager tas-soċjeta' attriċi[6] li kkonferma li l-ammont ta' sitt mija, ħamsa u disgħin ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżimu (€695.44) għadu dovut mis-soċjeta' kovenuta u ilu dovut mill-14 ta' Lulju, 2022. Ikkonferma wkoll l-fattura annessa mar-rikors promotur[7].

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ħa konjizzjoni taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tistħoqq li tkun emmnuta u għalhekk għandha tittieħed bħala mistqarra. Ulterjorment it-talba tirriżulta kkonfermata wkoll mix-xhieda ta' George Cassar White u l-fattura ppreżentata mar-rikors promotur.[8]

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi jilqa' t-talbiet attrici billi jordna lil konvenuta tħallas is-somma ta' sitt mija, ħamsa u disgħin ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżimu (€695.44) rappreżentanti bilanċ mhux imħallas minn ammont dovut bħala prezz ta' merċa mibjugħa mis-soċjeta' attriċi lis-soċjeta' konvenuta, bl-imgħax dekorribbli mil-14 ta' Lulju, 2022[9] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu unikament mis-soċjeta' konvenuta.

**Dr. Marouska Debono**

**Ġudikatur**

[4] *A fol* 23 tal-proċess.
[5] *A fol* 24 tal-proċess.
[6] *Ibid*; xhieda datata 29 ta' Mejju, 2024.
[7] *A fol* 3 tal-proċess.
[8] *Ibid*.
[9] Data skont ix-xhieda ta' George Cassar White.